

**Brussell, 6 ta' Novembru 2025
(OR. en)**

14896/25

**SOC 725
EMPL 483
EDUC 414
JEUN 220
ECOFIN 1456
COMPET 1110
MI 867
MIGR 405
DIGIT 218
ENV 1151
FISC 299
SAN 699
GENDER 193**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-EMCO dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE, li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2025.

**Messaġġi ewlenin dwar l-implimentazzjoni
tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE**

1. INTRODUZZJONI

Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO PAG) sejjaħ laqgħa tripartitika fejn stieden lil rappreżentanti tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE u nazzjonali mill-Istati Membri kollha biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni *dwar in-Nuqqas ta' Ħaddiema u ta' Ħiliet tal-Kummissjoni*.¹ Ippubblikat fl-20 ta' Marzu 2024 bħala segwitu għas-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse li sar fil-31 ta' Jannar 2024², il-Pjan ta' Azzjoni ġie żviluppat f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali biex jipprovdi qafas komuni biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Jinkludi, b'mod partikolari, impenji meħuda mill-Kummissjoni u s-sħab soċjali, flimkien ma' sensiela ta' appelli għal azzjoni indirizzati lill-Istati Membri. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar *nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea*, il-Kunsill stieden lill-membri tal-EMCO biex "ikomplu jimmonitorjaw n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u l-isfidi relatati fl-UE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż billi jwettqu diskussjonijiet tematiċi, bl-involviment tas-sħab soċjali, sabiex jippromwovu l-qsim tal-għarfien u l-prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar il-kwistjoni tal-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet".³

¹ "*Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: Pjan ta' Azzjoni*", ippubblikat fl-20 ta' Marzu 2024.
² Is-Summit ta' Val Duchesse ddiskuta kif għandhom jiġu indirizzati sfidi ewlenin ekonomiċi u marbuta max-xogħol billi jissaħħa id-djalogu soċjali.
³ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fil-laqgħa tal-EPSCO tat-2 ta' Diċembru 2024. Fil-Pjan ta' Azzjoni nnifsu, il-Kummissjoni kienet stiednet ukoll lill-EMCO biex "ikollhom skambji tripartitiċi regolari dwar din il-kwistjoni, bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali".

Il-laqgħa tal-EMCO PAG saret sena wara l-pubblikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiġu evalwati l-azzjonijiet implimentati s'issa - fi żmien meta l-issikkar tas-suq tax-xogħol għadu ta' piż kbir fuq il-prospetti ekonomiċi tal-UE. Matul il-laqgħa kollha, il-parteċipanti ssottolinjaw iż-żmien opportuni li jsir skambju tripartitiku li ppermetta lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jinvolve ruħhom fi djalogu soċjali ġenwin fil-livell tal-UE dwar dan is-suġġett. In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kien rikonoxxut b'mod ġenerali bħala ostaklu kritiku għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv tal-UE, għall-kompetittività internazzjonali tagħha, u għar-reżiljenza fit-tul tal-mudell ekonomiku u soċjali tagħha, b'mod partikolari fid-dawl tat-tnaqqis demografiku li qed jaċċellera u l-pressjonijiet urġenti tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Dan l-iskambju kien ibbażat fuq informazzjoni mit-tweġibiet għal kwestjonarju ċċirkolat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali fl-20 ta' Diċembru 2024, kif ukoll min-nota ta' gwida mhejjja mill-Kummissjoni li ppreżentat ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali qabel il-laqgħa tripartitika. Matul il-laqgħa kienu organizzati skambji tematiċi dwar oqsma ta' politika speċifiċi enfasizzati fil-Pjan ta' Azzjoni, fejn l-Istati Membri ppreżentaw studji ta' każijiet ta' miżuri ta' politika rilevanti u l-aħjar prattiki biex tingħata direzzjoni lid-diskussjonijiet.⁴

⁴ Dawn il-kontributi kienu jinkludu: l-approċċ tal-Italja għall-ħolqien ta' perkorsi ta' migrazzjoni sostenibbli; il-programm ta' taħriġ u integrazzjoni tal-Portugall għall-migranti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-settur tat-turiżmu; ir-riforma ta' Franza tas-servizz pubbliku tal-impjiegi mmirata lejn l-attivazzjoni ta' u l-appoġġ lil daww l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; l-iskema tal-impjiegi ta' Ċipru mmirata lejn gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà; l-approċċ ta' politika komprensiv ta' Malta biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet; l-istrategġija tal-Latvja biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-settur tal-ICT; l-għodda l-ġdida tat-tassonomija tal-ħiliet tan-Netherlands "CompetentNL"; u l-użu mill-Awstrija tal-Barometru tal-Impjiegi bi Kwalifiki Għoljin biex timmonitorja u twieġeb għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

2. ĦARSA ĠENERALI TAN-NUQQAS TA' ĦADDIEMA U TA' HILJET

In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mifruq fis-setturi u l-okkupazzjonijiet kollha. Fi tmiem l-2024, is-sehem ta' impjegaturi li indikaw nuqqas ta' ħaddiema bħala fattur li jillimita l-produzzjoni baqa' konsiderevolment ogħla mill-medji ta' qabel il-pandemija fis-servizzi (26.8 %), fil-kostruzzjoni (26 %) u fl-industrija (18 %), minkejja tnaqqis meta mqabbel mal-2022. L-aktar nuqqasijiet gravi kienu rrapportati f'okkupazzjonijiet fil-kostruzzjoni u l-inġinerija, fl-ICT (eż. analisti tas-sistema u żviluppaturi tas-software), fil-kura tas-saħħa (eż. prattikanti ġenerali, infermiera u xi tobbja speċjalisti), fit-trasport (eż. sewwieqa tat-trakkijiet tqal), fis-servizzi relatati mal-akkomodazzjoni u mal-ikel (eż. koki u waiters), kif ukoll f'okkupazzjonijiet oħra bħal ħaddiema tas-sengħa fis-settur tal-metall u l-makkinarju.⁵

Ir-raġunijiet ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema jvarjaw bejn settur u ieħor. F'setturi kkaratterizzati minn età medja għolja tal-forza tax-xogħol tagħhom (eż. it-trasport), it-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema.⁶ F'setturi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni doppja (eż. is-setturi STEM), domanda dejjem akbar għal ħiliet ġodda u kompetenzi rikjesti li qed jinbidlu qed jikkawżaw primarjament nuqqas ta' ħaddiema.⁷ Fl-aħħar nett, f'setturi oħra, bħal dawġ intensivi fil-kuntatt (eż. il-kura tas-saħħa u t-turiżmu), kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati huma raġuni ewlenija tan-nuqqas ta' ħaddiema.⁶

Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħaddiema jvarja wkoll bejn l-Istati Membri. Fl-ewwel tliet xhur tal-2025, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala kienet taqbeż it-3 % fin-Netherlands (4.2 %), fil-Belġju (4.1 %), fl-Awstrija (3.6 %), u f'Malta (3.0 %), filwaqt li kienet inqas minn 1 % fi Spanja (0.9 %), fil-Bulgarija (0.9 %), fil-Polonja (0.8 %), u fir-Rumanija (0.6 %). Dan in-nuqqas kien partikolarment gravi fis-settur tas-servizzi fil-Belġju (5 %), fin-Netherlands (4.4 %), u fl-Awstrija (4.4 %). Kien l-ogħla fil-kostruzzjoni fin-Netherlands (7.5 %) u fil-Belġju (6.1 %). Barra minn hekk, fl-industrija, in-nuqqas baqa' l-ogħla fin-Netherlands (4.1 %), fil-Belġju (3.3 %), u fl-Awstrija (3.2 %).⁸

⁵ Ara l-*Istħarriġ dwar in-negozji u l-konsumaturi* tal-Kummissjoni.

⁶ Ara Il-Kummissjoni Ewropea (2023), *L-Iżviluppi fl-Impjieg u Soċjali fl-Ewropa*, Rieżami Annwali 2023.

⁷ Ara l-*Istħarriġ dwar il-Ħiliet u l-Impjieg Ewropej (ESJS)* tas-Cedefop.

⁸ Ara s-serje tal-Eurostat [jvs_q_nace2](#).

In-nuqqas ta' hiliel huwa daqstant ieħor inkwetanti u hemm ir-riskju li jżomm lura l-kapaċità tal-UE li tinnova u timmodernizza l-ekonomija tagħha, u twieġeb għall-bidliet ġeopolitiċi u teknoloġiċi. Aktar minn tliet kwarti tan-negozji tal-UE (77 %) jirrapportaw li nuqqas ta' persunal kwalifikat huwa ostaklu għall-investiment fit-tul, li, min-naħa tiegħu, jista' jfixkel it-tkabbir u l-kompetittività. Barra minn hekk, kważi żewġ terzi tal-SMEs (63 %) qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-hiliel it-tajba, speċjalment kumpaniji ta' daqs medju (68 %) u żgħar (65 %).⁹ Kważi nofs l-SMEs (45 %) jiddikjaraw ukoll li n-nuqqas ta' hiliel ifixkel l-isforzi tagħhom biex jadottaw jew jużaw teknoloġiji diġitali, u erbgħa minn kull għaxra (39 %) qalu li dan in-nuqqas joħloq diffikultajiet fl-ekoloġizzazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom.¹⁰

3. AZZJONIJIET TA' POLITIKA REĊENTI

3.1. Azzjonijiet li jappoġġaw parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol

Madwar l-UE, l-Istati Membri qed jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fost il-gruppi sottorappreżentati. Bosta żiedu l-appoġġ għaż-żgħażaġh, f'konformità mal-*Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa*¹¹ u b'kunsiderazzjoni tal-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti jew f'żoni urbani żvantaġġati, filwaqt li oħrajn taw prijorità lil miżuri mfassla apposta għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal dawk b'diżabbiltà jew minn kuntesti ta' minoranza, f'konformità mal-*Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà*¹² u r-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom*.¹³ Diversi rrapportaw ukoll passi biex itejbu l-aċċess għal indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja - fattur kruċjali fl-appoġġ għall-impjieg tan-nisa u tal-ġenituri bi tfal żgħar. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti affermaw mill-ġdid l-importanza li ż-żgħażaġh jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-politiki tas-suq tax-xogħol u enfasizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala faċilitatur ewlieni, b'rabta mill-qrib mal-aċċess għas-servizzi tal-kura u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

⁹ Ara l-*Istħarriġ tal-BEI tal-2024 dwar l-investiment*, kif ukoll l-*Ewrobarometru Flash 537* tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

¹⁰ Ara l-*Ewrobarometru Flash 529*.

¹¹ *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020* dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

¹² Ara l-*Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà* tal-Kummissjoni.

¹³ *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021* dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.

L-isforzi biex jittejbu t-tfassil u t-twettiq ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) qed jiksbu wkoll momentum madwar l-Ewropa, u dan juri bidla lejn sistemi ta' appoġġ aktar integrati u ċċentrati fuq il-persuna. Għadd dejjem jikber ta' Stati Membri tejbu l-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u partijiet oħra tal-amministrazzjoni nazzjonali, inkluż permezz ta' kondiviżjoni aħjar tad-data u kapaċità amministrattiva akbar. L-għodod diġitali appoġġaw dawn ir-riformi, għalkemm xi Stati Membri rrapportaw ukoll ritorn għal konsulenza wiċċ imb wiċċ, meqjusa aktar effettiva biex jintlaħqu daww l-aktar vulnerabbli. Xi parteċipanti rrikonoxxew il-valur ta' tali riformi u appellaw biex ikompli jsir progress lejn sistemi ta' appoġġ komprensivi u ċċentrati fuq il-persuna.

B'mod parallel, ir-riformi tat-taxxa u tal-benefiċċji rriżultaw bħala strumenti ewlenin għall-promozzjoni tal-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Bosta Stati Membri introduċew bidliet biex inaqqsu d-diżinċentivi għax-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, daww bit-tieni sors ta' dħul u gruppi sottorappreżentati oħra. Dawn jinkludu aġġustamenti għall-kategoriji tat-taxxa, eżenzjonijiet, u strutturi tal-benefiċċji. Madankollu, xi parteċipanti enfasizzaw li tali riformi jistgħu jkunu kompletament effettivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn kwalità mtejbja tal-impjiegi. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati enfasizzaw l-importanza ta' pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, u impjiegi stabbli biex jiġi indirizzat in-nuqqas kontinwu ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

Il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u qed tagħmel progress fl-impenji tagħha fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni. Permezz tal-fergħa tal-innovazzjoni soċjali tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), investiet fi proġetti biex tattiva u ttejjeb il-ħiliet ta' daww barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), tippromwovi l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol, u tiġġieled il-qgħad fit-tul.¹⁴ Analiżi reċenti fil-livell tal-UE mnedija mis-servizzi tal-Kummissjoni ħarset ukoll lejn miżuri li jħeġġu l-ikkumbinar tax-xogħol u l-irtirar, bil-ħsieb li tiġi estiża l-parteeipazzjoni tal-adulti akbar fl-età fis-suq tax-xogħol.¹⁵

¹⁴ Ara fuq is-[sit web tal-FSE+](#).

¹⁵ Ara r-[Rapport tal-Espan dwar Perkorsi ta' rtirar flessibbli - Analiżi tal-politika fi 28 pajjiż Ewropew](#).

Is-sħab soċjali għamlu wkoll progress fl-impenji tagħhom. Diversi sħab soċjali nazzjonali rrapportaw dwar l-involviment tagħhom f'azzjonijiet biex jippromwovu l-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età - inkluż permezz ta' inċentivi finanzjarji, perkorsi flessibbli tal-irtirar, u aċċess għat-taħriġ. Oħrajn appoġġaw l-intraprenditorija, b'enfasi fuq iż-żgħażaġh, in-nisa u l-gruppi vulnerabbli. F'xi każijiet, is-sħab soċjali rrapportaw dwar ir-rwol tagħhom biex jiffaċilitaw kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi pubbliċi u privati tal-impjieg, inkluż permezz ta' inizjattivi konġunti dwar il-kollokament f'impjieg, it-taħriġ u l-gwida għall-karriera. Dawn il-kontributi jikkonfermaw ir-rwol importanti tas-sħab soċjali biex jitravmu swieq tax-xogħol inklużivi u reżiljenti, u biex jiġu allinjati l-isforzi nazzjonali mal-prijoritajiet tal-UE.

3.2. Azzjonijiet li jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid

Għaddejnin sforzi ta' politika sinifikanti madwar l-UE fil-qasam tal-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni biex jiġi indirizzat l-ispariġġ fil-ħiliet. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrieżaminaw jew adottaw strateġiji nazzjonali għall-ħiliet biex jibnu forza tax-xogħol lesta għall-futur, b'attenzjoni dejjem akbar għall-ħiliet ekoloġiċi, diġitali u bażiċi. Ir-riformi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u r-reviżjoni tal-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ qed isiru dejjem aktar komuni, spiss appoġġati mill-FSE+, mill-RRF u mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI). Biex l-għoti tat-taħriġ jikkorrispondu aħjar mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol, bosta pajjiżi qed isaħħu s-sistemi tal-intelligence tagħhom dwar il-ħiliet u jinvestu f'għodod bħall-big data u l-IA għat-tbassir, filwaqt li jespandu l-offerti ta' taħriġ allinjati mat-tranżizzjoni doppja. Diversi Stati Membri qed jagħmlu wkoll progress fl-implimentazzjoni ta' sħubijiet għall-ħiliet fil-qafas tal-*Patt għall-ħiliet*¹⁶ u qed iniedu *Akkademji tal-ħiliet tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti*¹⁷, filwaqt li bosta qed ikomplu wkoll l-isforzi tagħhom biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' mikrokredenzjali u kontijiet individwali tal-apprendiment.

¹⁶ Il-[Patt għall-ħiliet](#) huwa waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa.

¹⁷ F'konformità mal-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti](#), l-akkademji jipprovdu taħriġ u edukazzjoni dwar teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

Il-Kummissjoni qed tagħmel progress tajjeb fl-impenji tagħha fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni. Mit-tnedija tiegħu, stabbiliet *Sħubijiet ta' Ħiliet Reġjonali*¹⁸ ġodda u qed tħejji investment sostanzjali fiċ-*Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali* - u b'hekk issaħħaħ l-ambizzjoni tal-UE li sal-2027 tiffinanzja 100 ċentru.¹⁹ Fil-5 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat l-inizjattiva tagħha biex tibni *Unjoni tal-Ħiliet*, bl-għan li tipprovdi opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja għal kulħadd u tirrazzjonalizza l-appoġġ fil-livell tal-UE lis-sistemi nazzjonali.²⁰ L-inizjattiva tinkludi wkoll passi biex jissaħħu l-*Akkademji tal-Ħiliet tal-UE* u tiġi promossa kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-fornituri tal-edukazzjoni, il-kumpaniji, u s-sħab soċjali.

Is-sħab soċjali jibqgħu atturi ewlenin fit-twettiq tal-oġġettivi marbuta mal-ħiliet. Dawn qed jaħdmu flimkien mal-fornituri tal-VET, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-impjegaturi biex jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema - inkluż daww f'sitwazzjonijiet vulnerabbli - u biex itejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-apprendistati. Diversi organizzazzjonijiet ikkontribwew biex jiġu identifikati l-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema u biex isir progress f'approċċi konġunti għall-kwalifiki STEM. Fil-livell nazzjonali, is-sħab soċjali huma involuti wkoll fl-immodernizzar tas-sistemi tal-VET u fl-allinjament tal-provvista tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tal-ħiliet speċifiċi għas-settur, filwaqt li jkomplu jaqdu rwol fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE li jippromwovu l-apprendiment tul il-ħajja.

B'ħarsa 'l quddiem, kemm l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi kif ukoll daww tal-impjegati appellaw għal azzjoni nazzjonali u fil-livell tal-UE aktar b'saħħitha biex jiġu antiċipati u mbassra il-ħiliet. Ir-rappreżentanti tal-impjegati enfasizzaw ukoll li r-riforma fl-edukazzjoni m'għandhiex tkun imbuttata biss mid-domanda tas-suq tax-xogħol u għibdu l-attenzjoni għall-importanza tad-dritt għat-taħriġ u tal-ħolqien ta' inċentivi għall-impjegaturi biex jinvestu fil-forza tax-xogħol tagħhom. Il-parteċipanti laqgħu b'mod ġenerali t-tnedija tal-*Unjoni tal-Ħiliet* bħala pass 'il quddiem f'waqtu u strateġiku - wieħed li jista' jgħin biex l-oġġettivi kondiviżi jissarrfu f'eżiti konkreti u jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tal-Ewropa tkun mgħammra għall-futur.

¹⁸ Lista tas-Sħubijiet għall-Ħiliet Reġjonali hija [disponibbli online](#).

¹⁹ Aktar informazzjoni dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali hija [disponibbli online](#).

²⁰ Ara l-[Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet](#).

3.3. Azzjonijiet li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol

L-isforzi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol kisbu momentum imġedded madwar l-UE, u l-gvernijiet, l-istituzzjonijiet u s-sħab soċjali qed jaqdu rwol dejjem aktar proattiv. Bosta Stati Membri għamlu progress fit-traspożizzjoni ta' direttivi reċenti tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fejn il-biċċa l-kbira implimentaw id-*Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE*²¹ u diversi għamlu progress fuq oħrajn, inkluż dwar l-asbestos, id-diisoċjanati, u ċ-ċomb.²² Fl-istess ħin, l-awtoritajiet nazzjonali ħadu passi biex isaħħu l-infurzar tal-liġi tax-xogħol, pereżempju billi jsaħħu l-ispezzjonijiet tax-xogħol, iżidu l-penali għan-nuqqas ta' konformità, u jinvestu f'għodod diġitali. Ġew irrapportati wkoll sforzi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjieg marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, spiss bħala parti minn strateġiji usa' biex titwettaq ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika*.²³ B'mod ġenerali, dawn l-iżviluppi qed iseħħu fi żmien meta l-aspettattivi taċ-ċittadini għal impjieg deċenti u sinifikanti qed jiżdiedu, u l-kwalità tal-impjieg qed issir fattur essenzjali biex ix-xogħol isir aktar attraenti, b'mod partikolari f'setturi suxxettibbli għal nuqqas ta' ħaddiema.

²¹ [Id-Direttiva \(UE\) 2022/2041 tad-19 ta' Ottubru 2022](#) dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

²² [Id-Direttiva \(UE\) 2024/869 tat-13 ta' Marzu 2024](#) li temenda d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u għad-diisoċjanati.

²³ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022](#) dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

Il-Kummissjoni wettqet aktar minn nofs l-impenji tagħha relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni u qed tagħmel progress fuq dawk li fadal. L-inizjattivi ewlenin ippreżentati fil-laqgħa tripartitika kienu jinkludu l-proposta għal *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja*²⁴, proposta għal *Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships imsaħħa*²⁵, u t-tnejn li għaddejja għal inizjattiva leġiżlattiva possibbli dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni.²⁶ Il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll it-tagħlim bejn il-pari dwar l-approċċi tal-Istati Membri biex jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol²⁷, u qed tħejji azzjoni leġiżlattiva ulterjuri biex tipproteġi aħjar lill-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi perikolużi.²⁸ Barra minn hekk, qed tappoġġa sforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa mentali f'setturi bħall-kura tas-saħħa, fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol għadhom taħt pressjoni.

Is-sħab soċjali għamlu wkoll kontributi importanti, f'konformità mal-impenji tagħhom fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni. L-organizzazzjonijiet tat-trade unions irrappurtaw azzjonijiet biex jallinjaw il-prattiki nazzjonali mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasparenza fil-pagi, pagi minimi adegwati, u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Diversi inizjattivi għandhom ukoll l-għan li jipprevjenu d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, jippromwovu t-trattament ugwali, u jibnu ambjenti tax-xogħol inklużivi, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà. Min-naħa tal-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali nedew kampanji ta' diversità u inklużjoni, avvanzaw in-negozjar kollettiv biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u hađu azzjoni biex jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Meħuda flimkien, dawn l-azzjonijiet juru kif id-djalogu soċjali jista' jservi bħala mezz mhux biss għall-konformità, iżda anki għall-innovazzjoni fil-prattiki tal-impjiegi.

²⁴ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2024](#) dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja.

²⁵ [Qed tiġi nnegozjata](#) bħalissa mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

²⁶ Il-Kummissjoni [qed tikkonsulta mas-sħab soċjali](#).

²⁷ Ara r-[Rieżami bejn il-Pari dwar l-Approċċi leġiżlattivi u ta' infurzar biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Istati Membri](#).

²⁸ Fit-18 ta' Lulju, il-Kummissjoni [pproponiet](#) salvagwardji aktar b'saħħithom għall-ħaddiema esposti għal sustanzi perikolużi.

Minkejja dawn l-avvanzi, xi parteċipanti nnutaw sfidi persistenti biex jittrasponu u jimplimentaw kompletament id-direttivi tal-UE fl-Istati Membri kollha. L-organizzazzjonijiet tal-impjegati appellaw għal sforzi sostnuti biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn protezzjonijiet b'saħħithom u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, filwaqt li enfasizzaw li jibqa' essenzjali li jkompli l-investment - inkluż permezz ta' strumenti tal-UE bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) - biex jiġu appoġġati l-infurzar effettiv tal-liġi tax-xogħol u l-konformità magħha.

3.4. Azzjonijiet li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u jattiraw it-talent minn barra l-UE

Hekk kif il-perssonijiet demografiċi jiżiedu u l-kompetizzjoni għat-talent globali tintensifika, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġewwa l-UE u l-attrazzjoni tat-talent internazzjonali qed jirriżultaw bħala oqsma ta' politika ewlenin għal azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet madwar l-Unjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed iżidu l-isforzi biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva", b'appoġġ dejjem akbar għall-mobbiltà tal-apprendiment fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.²⁹ Ħafna hađu passi biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, inkluż permezz ta' riformi leġislattivi, għalkemm il-parteċipanti nnutaw li l-progress għadu irregolari u appellaw għal implimentazzjoni aktar rapida biex issir differenza tanġibbli fil-prattika.

Qed isir progress ukoll fid-diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u grupp kbir ta' Stati Membri implimentaw bis-sħiħ l-*Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali* (EESSI)³⁰, filwaqt li oħrajn qed jippilotaw jew josservaw l-iżvilupp tal-*Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali* (ESSPASS).³¹ B'mod parallel, l-ispezzjonijiet konġunti mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) qed isiru aktar komuni, u dan jirrifletti investment akbar fil-kooperazzjoni transfruntiera. Dawn l-isforzi qed jikkontribwixxu għal mobbiltà aktar faċli għall-ħaddiema u għal infurzar aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema.

²⁹ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva"](#) - opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd.

³⁰ L-EESSI hija sistema tal-IT deċentralizzata li tgħin lill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-UE kollha jiskambjaw informazzjoni marbuta ma' ferġat differenti msemija hawn fuq b'mod aktar rapidu u sigur.

³¹ L-ESSPASS huwa proġett imfassal biex jagħmilha aktar faċli għall-individwi biex jeżerċitaw id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom meta jkunu f'pajjiż Ewropew ieħor.

Il-Kummissjoni wettqet parti sostanzjali mill-impenji tagħha fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni f'dan il-qasam u qed tagħmel progress fil-bqija. Inizjattivi reċenti jinkludu pakkett ta' lawrji Ewropej biex jitneħħew l-ostakli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż³², u proposta biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-postazzjoni permezz ta' formola ta' dikjarazzjoni diġitali komuni.³³ L-ELA qed tniedi wkoll proġett pilota biex tiffaċilita l-kalkolu tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati. Fil-qasam tal-migrazzjoni legali, il-Kummissjoni qed issaħħaħ is-*Sħubijiet għat-Talent* ma' pajjiżi sħab magħżula³⁴ u qed issaħħaħ il-*Pjattaforma tal-UE tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema*, li tipprovdi appoġġ konkret lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħhom.³⁵

Is-sħab soċjali qed jikkontribwixxu b'mod attiv għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-migrazzjoni ġusta. L-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-impjegati qed jimmonitorjaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'setturi ewlenin u qed jappoġġaw il-mobbiltà lejn professjonijiet li hemm domanda għolja għalihom. Dawn qed jippromwovu wkoll il-mobbiltà permezz ta' Erasmus+ u EURES, jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, u jaħdmu biex ineħħu l-ostakli legali u prattiċi għall-ħaddiema tas-sengħa. F'diversi pajjiżi, is-sħab soċjali kienu involuti f'riformi li jiffaċilitaw ir-reklutaġġ minn barra l-UE - inkluż appoġġ għal *Sħubijiet għat-Talent*, l-inizjattiva tar-*Riżerva ta' Talenti tal-UE*, u programmi ta' taħriġ marbuta mal-perkorsi tal-migrazzjoni.

L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ġusti u deċenti għall-ħaddiema migranti jibqa' prijorità kondiżiva. Diversi Stati Membri qed itejbu s-servizzi ta' gwida dwar l-impjieg bħala parti minn programmi ta' integrazzjoni usa', li jinkludu wkoll taħriġ fil-lingwa u spettorati tax-xogħol imsaħħa biex jiġi evitat l-isfruttament tal-ħaddiema. B'mod parallel, is-sħab soċjali intensifikaw ukoll l-isforzi tagħhom biex jaraw li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema migranti. Il-parteċipanti enfasizzaw li migrazzjoni legali ġestita tajjeb u ġusta mhijiex biss neċessità tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll investiment strateġiku fil-koeżjoni soċjali, sħubijiet globali, u prosperità fit-tul.

³² [Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea.](#)

³³ Attwalment il-proposta [qed tiġi nnegożjata](#) mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

³⁴ Is-[Sħubijiet għat Talent](#) tħabbru fil-[Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#).

³⁵ Il-[Pjattaforma tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema](#), riżultat tal-[Pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti](#), tnediet f'Jannar 2023.

4. **KONKLUŻJONIJIET**

Għalkemm in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet naqas kemxejn mill-ogħla livell tiegħu fl-2022, xorta għadu f'livelli storikament għoljin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u jkompli jaffettwa lin-negozji ta' kull daqs u minn kull settur. Jekk ma jiġix indirizzat, hemm ir-riskju li dan in-nuqqas jimmina l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE, jiskoraġġixxi l-investment, u jdgħajjef kemm il-kompetittività tagħha kif ukoll il-pedamenti tal-mudell soċjali tagħha. Joħloq ukoll theddida diretta għat-twettiq b'suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li jiddependu fuq forza tax-xogħol mġhammra bil-ħiliet it-tajba. Kif enfasizzat fir-*rapport ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea*, biex tissaħħaħ il-kompetittività fit-tul tal-UE huwa essenzjali li tingħata spinta lill-provvista tal-ħiliet rilevanti.³⁶

Sena wara l-adozzjoni tiegħu, għalkemm sforzi ulterjuri huma meħtieġa f'diversi oqsma ewlenin, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tista' titqies li qed tagħmel progress tajjeb, filwaqt li l-Kummissjoni - sa Lulju - issodisfat aktar minn nofs l-impenji meħuda. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw inizjattivi f'konformità mal-appelli għal azzjoni inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kummissjoni qed tagħmel progress ukoll fir-rigward tal-impenji li fadlilha. Is-sħab soċjali, inkluż l-affiljati nazzjonali tagħhom, għamlu wkoll progress sinifikanti fit-twettiq tal-impenji kollha taħt il-mandat tagħhom. Fl-istess ħin, il-parteciċipanti enfasizzaw b'mod ġenerali l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà intra-UE ġusta, u jiġi attirat talent minn barra l-UE. Fid-dawl tal-ispariġġi persistenti fis-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet tax-xogħol, il-parteciċipanti esprimew interess kbir li jitkomplew l-iskambji tripartitiċi dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Issottolinjaw ukoll l-importanza li jinżamm u jiġi mgħaġġel il-pass tar-riformi sabiex ikun hemm risponsi ta' politika effettivi u sostenibbli.

³⁶ [Il-futur tal-kompetittività Ewropea: Rapport ta' Mario Draghi.](#)

Hekk kif laqqgħet flimkien lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u lis-sħab soċjali tal-UE u lil dawk nazzjonali, il-laqgħa tal-PAG tal-EMCO affermat mill-ġdid il-valur strateġiku ta' djalogu tripartitiku bħala pedament tal-mudell soċjali tal-UE. Ipprovdiet pjattaforma strutturata għar-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-impjegati biex jaħdmu b'mod dirett ma' dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u tal-UE, u b'dan il-mod iffaċilitat skambji kostruttivi dwar prijoritajiet kondiviżi. Il-Kumitat ser ikompli jrawwem opportunitajiet biex tissaħħaħ is-sjeda kondiviża tal-oġettivi komuni u biex jagħti eżempji konkreti ta' progress filwaqt li jidentifika oqsma li jirrikjedu sforzi konġunti ulterjuri.
